# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Rikors Numru: 131/2022 RM**

**RCV Handling Machinery Limited (C-44801)**
**-Vs-**
**Andre' Apap**

**Illum, 12 ta' Jannar 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn RCV Handling Machinery Limited fil-21 ta' Ġunju 2022 fir-Reġistru tal-Qorti fejn talbet illi l-konvenut Andre' Apap jiġi kkundannat iħallasha s-somma ta' sitt elef mija u ħamsa u sittin Euro u ħamsin ċenteżmu (€6,165.50) (bit-Taxxa fuq il-Valur Miżjud inkluż) rappreżentanti ħlas ta' kera ta' makkinarju ossia *Electric stacker*, mikri lilu għall-perijodu bejn it-18 ta' Ottubru 2021 u l-10 ta' Jannar 2022, inkluż f'dan l-ammont wkoll huwa l-ħlas għall-kunsinna u kollezzjoni tal-istess makkinarju hekk kif dettaljat u deskritt fl-annessa fattura mmarkata bħala Dok. A. Bl-ispejjez tal-preżenti, u kif ukoll dawk tas-sekwestru kawtelatorju ippreżentat kontestwalment, u bl-imgħaxijiet kummerċjali b'effett mill-10 ta' Jannar 2022, data tal-fattura, sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut ġie notifikat fil-31 ta' Ottubru 2022 iżda madanakollu baqa' deherx quddiem il-Qorti biex jikkontesta l-kawza u lanqas ma ppreżenta ebda risposta in linea ta' kontestazzjoni tat-talba attriċi;

Semghet ix-xhieda ta' Renald Curmi fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2022;

Rat illi għalkemm il-konvenut ingħata l-opportunita' li jressaq il-provi fis-seduta skedata għal dan l-iskop fid-9 ta' Jannar 2023, huwa ma deherx u baqa' ma ressaq l-ebda provi;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi ghalkemm il-konvenut, debitament notifikat bir-Rikors promotur u l-avviż tas-smigħ tal-kawża, baqa' ma ppreżentax risposta u lanqas deher quddiem il-Qorti biex jikkontesta t-talba tas-soċjeta' attriċi kif dedotta fir-Rikors promotur, dan ma jfissirx li t-talba attriċi ġiet ippruvata jew li għandha tintlaqa'. Kif inhu risaput, in-nuqqas ta' kontestazzjoni tat-talba attriċi ma jitqiesx li hija ammissjoni tal-istess talba iżda jitqies li huwa kontestazzjoni fiha nnifisha u konsegwentement, jibqa' jinkombi fuq l-attur l-oneru li jipprova l-kaz tieghu fil-grad probatorju mehtieg mil-liġi fil-kamp ċivili, ċioe` li jikkonvinċi lill-Qorti li fuq il-preponderanza tal-provi, il-kaz huwa ppruvat fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet.

Illi fil-każ odjern, il-kumpannija attrici ressqet bħala xhud lid-direttur tagħha Renald Curmi li xehed bil-ġurament[1] illi s-soċjeta' attriċi, li topera fil-qasam ta' bejgh u kiri ta' makkinarju ta' lifting u apparat ieħor li jintuża fil-kostruzzjoni, irċeviet ordni fit-18 ta' Ottubru 2021 mingħand il-konvenut biex jikri makkinarju (*stacker*) għall-użu f'xogħol ta' kostruzzjoni li kien qed iwettaq għal klienti tiegħu, u dan għal żmien ħamsa u tmenin ġurnata. Għalkemm dan l-apparat ġie konsenjat, il-prezz tal-kiri u konsenja tal-makkinarju, fil-prezz komplessiv ta' €6,165.50, baqa' ma tħallasx. Renald Curmi kkonferma bil-ġurament tiegħu l-invoice li nħareġ fl-10 ta' Jannar 2021 lill-konvenut abbażi ta' delivery note No. 014211, għall-kiri u konsenja tal-makkinarju in diżamina, liema invoice huwa anness mar-Rikors promotur[2]. Fix-xhieda tiegħu hu kkonferma wkoll illi l-konvenut baqa' qatt ma ħallas xejn minn dan l-invoice, fis-somma ta' €6,165.50, u l-ammont kollu għadu dovut sal-lum. Dan hu l-ammont li qed jigi reklamat fir-Rikors promotur.

Dawn il-provi ma gewx kontradetti mill-konvenut li, kif ingħad, baqa' ma ressaq l-ebda provi u fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi s-socjeta` attrici rnexxielha tipprova b'mod sodisfacjenti u fil-grad mehtieg fil-kamp civili, illi l-ammont reklamat minnha ta' €6,165.50 huwa dovut lilha mill-konvenut.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' RCV HANDLING MACHINERY LTD u tikkundanna lill-konvenut ANDRE' APAP iħallas lill-istess soċjeta' attriċi is-somma ta' sitt elef mija u ħamsa u sittin Euro u ħamsin ċenteżmu (€6,165.50) għar-raġunijiet indikati fir-Rikors promotur, bl-imghax kif mitlub ċioe' mid-data tal-fattura, 10 ta' Jannar 2022 u bl-ispejjeż kif mitluba fl-istess Rikors promotur jitħallsu wkoll mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

---

[1] Xhieda tal-14 ta' Diċembru 2022.

[2] Dok. A, paġna 2 tal-atti.